VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,497, 29 ta' Awwissu, 2025
Taqsima B

A.L. 185 tal-2025

KODIĊI TAL-LIĠIJIET TAL-PULIZIJA
(KAP. 10)

Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Ħwienet għall-Bejgħ tal-Inbid, Birra jew Likuri Spirituży (Liċenzi, Bonordni, u Diċenza Pubblika)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 183 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, il-Ministru responsabbli għall-Pulizija għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Ħwienet għall-Bejgħ tal-Inbid, Birra jew Likuri Spirituży (Liċenzi, Bonordni, u Diċenza Pubblika) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Ħwienet għall-Bejgħ tal-Inbid, Birra jew Likuri Spirituży (Liċenzi, Bonordni, u Diċenza Pubblika), hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali".

L.S. 10.09.

Iħassar ir-regolamenti 16, 17 u 19 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolamenti 16, 17 u 19 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu mħassra.

Jemenda r-regolament 18 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fir-regolament 18 tar-regolamenti prinċipali l-kliem "fejn ikun hemm impjegati nisa jew artisti" għandhom jiġu mħassra.